**24 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Pasquale Grech

## Appell – Provi Ġodda – Natura ta' l-Appell

*L-artikolu 424 tal-Kap. 9 japplika għall-provi ġodda kollha bla distinzjoni u rrispettivament minn jekk dawn il-provi humiex fuq il-fatt mertu tal-fatt kriminuż addebitat jew fuq fatt proċedurali li jostakola l-azzjoni. Kieku l-Qorti kellha tammetti x-xhieda proposti tkun qed tistruwixxi l-kawża mill-ġdid, mentri l-appell għandu jkun proċess ta' reviżjoni.*

Il-Qorti: –

Rat it-talba ta' l-appellant bir-rikors tat-8 ta' Jannar, 1992, biex jipproduċi bħala xhieda lill-P.S. 240 Carlo Ellul u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jipproduċi okkorrenza;

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali li biha oppona ruħu għat-talba billi l-istess talba ma tinkwadrax ruħha fil-paragrafi (a) u (b) ta' l-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat il-verbal tal-11 ta' Frar, 1992, u l-atti relattivi, u kkunsidrat illi:

1. Il-persuni li jrid jipproduċi l-appellant ma xehdux quddiem l-ewwel Qorti;

2. Mill-verbal fuq imsemmi u mir-rikors ta' l-appell jidher li l-iskop tal-produzzjoni ta' dawn il-persuni hu li tiġi ppruvata r-rinunzja tal-kwerela da parti tal-kwerelanti. Dawn, skond kif irid jipprova l-appellant, kienu għamlu rapport lill-Pulizija dwar il-ħsara allegata u talbu li l-appellant jiġi ammonit. L-appellant fil-fatt ġie ammonit, u in segwitu l-kwerelenti għamlu rapport ieħor ta' l-istess fatt, u l-Pulizija pproċediet bl-azzjoni odjerna. Bix-xhieda ġodda l-appellant irid jipprova li l-azzjoni kriminali preżenti kienet ġiet estinta bir-rinunzja tal-kwerelenti;

3. Jidher ċar li l-appellant kien jaf biċ-ċirkostanzi premessi, fl-istadju tat-trattazzjoni tal-kawża fl-ewwel istanza. Ma offriex f'dik l-istanza l-prova ta' dawk iċ-ċirkostanzi. Għalhekk, kif irrisponda l-Avukat Ġenerali, it-talba ta' l-appellant mhix ammissibbli a tenur ta' l-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali;

4. L-appellant madankollu ssotometta li l-kwistjoni tirrigwarda l-estinzjoni ta' l-azzjoni qabel ma din ġiet promossa mill-Pulizija, u għalhekk il-prova li jrid jagħmel mhix irregolata mill-artikolu 424 imsemmi, għaliex il-prova mhix ta' fatt mertu tal-fatt kriminuż addebitat, imma ta' fatt proċedurali li jostakola l-azzjoni, u jirrendi l-proċeduri kollha nulli;

5. Jiġi rrilevat li l-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali japplika għall-provi ġodda kollha bla distinzjoni. Fejn il-liġi ma tiddistingwix, ma għandhiex tiddistingwi l-Qorti. Jekk din il-Qorti tiddistingwi f'dan il-każ, u tammetti x-xhieda proposti mill-appellant, tkun qiegħda tistruwixxi l-kawża mill-ġdid, mentri l-appell għandu jkun proċess ta' reviżjoni (Kollez. Vol. XXIX.IV.646);

Għal dawn il-motivi tiċħad it-talba.